MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 399/2012

**Fr Paul Darmanin I.D. 884767M**
**Ghan-nom u in rapprezentanza tal-Patrijiet Frangiskani Minuri Karmelitani bhala sidien tal-impriza kummercjali – Centru Animazjoni u Kommunikazzjoni (CAK)**

**Vs**

**John G Pace I.D. 588552 M**
**Ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' kummercjali Ancora Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Mejju, 2012,

1) Illi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta – kif jista' jigi kkonfermat mill-"Booking Orders" annessi u mmarkati bhala Dok "1" – l-atturi wetqu servizz ta' reklamar;
2) Illi dan is-servizz ta' reklamar gie fil-fatt esegwit mis-socjeta' rikorrenti, kif jista' jigi kkonfermat mir-reklami fil-pagna ta' wara ta' diversi fuljetti annessi u mmakati bhala Dok "2";
3) Illi l-ammont dovut mis-socjeta' intimate ghal dan l-inkarigu jammonta ghal tlett elef Ewro (€3,000) u dan skont l-istatement u l-invoice annessi u mmarkati bhala Dok "3";
4) Illi dan l-ammont huwa dejn, veru, cert u likwidu;
5) Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas dan id-dejn kemm b'ittra bonarja kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali esekuttiva (166A), liema kopja tal-ittra qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok "4", imma s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;
6) Illi s-socjeta' attrici kellha tirrikorri ghal din il-kawza biex tithallas tas-servizzi li wettqet fuq inkarigu tas-socjeta'konvenuta'

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lit-Tribunal joghgbu jordna u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) kis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u dik ezekuttiva.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2012 u filfatt is-socjeta' konvenuta

naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja u dik ezekuttiva ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------